MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Rikors Numru. 16/2005

**Luqa Farrugia [I.D. 780660 M].**

**vs.**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Luqa Farrugia datat 14 ta’ Marzu 2005 u pprezentat quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi nhar it-18 ta’ Marzu 1994 huwa kien tressaq taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli fl-24 ta’ Frar 1994 u qabel dik id-data huwa:

- zamm biex irabbi jew isemmen majjali sew bhala propjetarju f'parti jew bhala li taghti ghajnuna minghajr licenzja ghalhekk;

- zamm biex irabbi jew isemmen majjali fil-fond *garage* bla numru gewwa l-inhawi maghrufa bhala ta' l-Isqof fil-limiti ta' l-Imqabba minghajr ma' l-imsemmi post kien licenzjat bhala razzett tal-majjali;

- zamm majjali ghar-refgha minn stazzjon tat-tnissil li mhux approvat mid-Direttur ta' l-Agrikultura;

- akkwista qzieqez mifthuma ghas-simna minghand xi persuna li mhux fix-xoghol tat-tnissil tal-majjali u mhijiex licenzjata u wkoll zamm qzieqez mifthuma liema qzieqez ma kellhomx tattoo sabiex jigu identifikati;

- zamm ifla ghar-refgha mhux kif provdut fl-Avviz Legali 86/1980;

- zamm razzett minghajr licenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija.

Illi fl-istess seduta tat-18 ta' Marzu 1994 l-esponent wiegeb li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu li jinghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest liema talba giet milqugha taht il-kundizzjonjiet relattivi.

Illi fis-seduta tat-30 ta' Mejju 1994 il-presekuzzjoni resqet ix-xhieda kollha li kellha tipproduci u ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq. Il-kawza giet ghalhekk differita ghall-provi tad-difiza.

Illi fis-seduta tas-7 ta' Novembru 1994 id-difiza ezawriet u resqet il-provi kollha taghha u ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tipproduci. Il-kawza ghalhekk thalliet ghat-trattazzjoni finali.

Illi fis-seduta tas-27 ta' Frar 1995 il-kawza thalliet ghall-ewwel darba ghas-sentenza li suppost kellha tinghata nhar il-21 ta' April 1995.

Illi l-kawza imsemmija ghadha sal-gurnata tal-lum, u *cioe`* hdax-il sena wara, mhux deciza u dan minkejja illi tul dawn il-hdax-il sena l-esponent gie notifikat pluralita` ta' drabi sabiex jidher il-Qorti. L-esponent kull darba li gie hekk imharrek dejjem attenda ghas-seduta bit-tama illi forsi xi darba jinghata sentenza pero` dan ghamlu inutilment.

Illi mill-*iter* proceswali jirrizulta manifest illi dan id-dewmien b'ebda mod ma jista' jigi attribwit b'xi mod lill-esponent peress illi kif suespost u kif jirrizulta mill-atti tal-kawza suriferita, huwa dejjem issokomba ghal kull ordni tal-Qorti sabiex jidher quddiema, kif ukoll huwa ippartecipa b'mod attiv u spedit fl-istess proceduri billi fl-ewwel seduta li fiha huwa jressaq il-provi *in difesa* huwa ezawrixxa l-provi kollha tieghu kif gia inghad.

Illi bir-rigward kollu anqas ma jista' jigi eccepit illi l-kawza suriferita hija xi wahda komplikata jew kumplessa. Tabilhaqq apparti li l-provi kollha kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza gew prodotti f'zewg seduti biss, globalment ix-xhieda prodotti mill-partijiet kienu hamsa, tlieta tal-prosekuzzjoni u tnejn tad-difiza. It-traskrizzjonijiet tad-depozizzjonijiet ta' dawn il-hames xhieda mehuda kollha f'daqqa jammontaw ghal sitt pagni biss. Apparti dan gie esebit in atti mid-difiza att pubbliku awtentikat.

Illi mis-suespost jirrizulta manifest illi t-trapass ta' aktar minn hdax-il sena sabiex tinghata s-sentenza fil-kaz odjern huwa wiehed mhux gustifikat u ferm irragonevoli.

Illi fil-fehma ta' l-esponent dan l-istat ta' fatt huwa leziv tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq minn Qorti indipendenti u imparzjali fi zmien ragonevoli u dan kif sancit fl-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.**

Ghaldaqstant l-esponent umilment talab lil din il-Qorti;

1. Tiddikjara illi fil-proceduri fl-ismijiet **Il-Pulizija [Spettur Peter Cordina] vs Luqa Farrugia** pendenti

quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali gie lez id-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali fi zmien ragonevoli.

2. Konsegwentement tiddikjara illi sehhet vjolazzjoni ta' **l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

3. Taghti r-rimedju effettiv u opportuni fic-cirkostanzi nkluz izda mhux biss kumpens pekunjarju.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat nhar il-15 ta' Marzu 2005 ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-20 ta' April 2005.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali tar-Repubblika pprezentata fl-1 ta' April 2005 a fol. 7 tal-process fejn espona:-

Illi l-ilment tar-rikorrenti ma jinftiehemx facilment *stante* illi huwa improbabbli li kawza iddum ghal zmien daqstant fit-tul minghajr ma tigi deciza sakemm ma jkunx hemm ragunijiet impellenti li jikkawzaw dan id-dewmien.

Illi r-rikorrenti ma tantx jipprovdi informazzjoni li titfa' dawl fuq is-sitwazzjoni li qed jilmenta minnha hlief li jidher li la l-prosekuzzjoni u, skond ma jippretendi l-istess rikorrent, lanqas id-difiza ma huma hatja ta' tali dewmien.

Illi allura l-allegazzjoni tar-rikorrent trid tintftiehem bhala li hija l-Qorti tal-Magistrati li qed tikkawza tali dewmien, u dan meta huwa maghruf li l-Qorti taghna dejjem jaghmlu l-possibbli sabiex jirrisolvu l-kawza fl-iqsar zmien possibbli.

Illi ghaldaqstant sabiex din il-Qorti tkun tista' tikkunsidra b'mod serju t-talba tieghu r-rikorrenti jrid jipprova bic-car li mhux biss dam biex jinstema' l-kaz tieghu izda li tali dewmien kien kapriccuz u intiz b'xi mod biex jizvantaggjah fit-tgawdija tad-drittijiet tieghu skond il-ligi.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mill-20 ta' April 2005 sal-31 ta' Ottubru 2005; u dawk mizmuma quddiem din il-Qorti hekk attwalment presjeduta mill-20 ta' Jannar 2006 sat-18 ta' Mejju 2006 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2006.

Rat in-noti tar-rikorrenti Luqa Farrugia wahda pprezentata *seduta stante* fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2006 (fol. 15) li biha esebixxa kopja legali tal-process tal-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Peter Cordina] vs Luqa Farrugia'** mertu tal-kawza odjerna u li tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali; nota ohra pprezentata fl-1 ta' Gunju 2006 (fol. 69) li biha esebixxa kopja legali tas-sentenza fl-ismijiet **"Il-Pulizija [Spettur Peter Cordina, Spettur Paul Miruzzi] vs Luqa Farrugia";** u nota ohra pprezentata fid-9 ta' Gunju 2006 (fol. 9) li biha esebixxa kopja informali tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali datata 11 ta' Awissu 2003 fl-ismijiet **"John Bugeja vs L-Avukat Generali u L-Kummissarju tal-Pulizija".**

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### I. MERTU TAR-RIKORS KOSTITUZZJONALI.

Illi fir-rikors tieghu r-rikorrent Luqa Farrugia ppremetta li fit-18 ta' Marzu 1994 huwa kien tressaq taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli fl-24 ta' Frar 1994 u qabel dik id-data mixli b'diversi imputazzjonijiet. Fl-istess seduta tat-18 ta' Marzu 1994 ir-rikorrent wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u talab li jinghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest liema talba giet milqugha taht il-kundizzjonijiet relattivi.

Illi fis-seduta tat-30 ta' Mejju 1994 il-prosekuzzjoni resqet ix-xhieda kollha li kellha tipproduci u ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq. B'hekk il-kawza giet differita ghall-provi tad-difiza. Fis-seduta tas-7 ta' Novembru 1994 id-difiza ezawriet il-provi taghha wkoll. Il-kawza ghalhekk thalliet ghat-trattazzjoni finali. Fis-seduta tas-27 ta' Frar 1995 il-kawza thalliet ghall-ewwel darba ghas-sentenza li kellha tinghata nhar il-21 ta' April 1995. Il-kawza giet deciza fit-2 ta' Mejju 2006 cioe' wara l-prezentata tar-rikors odjern. Huwa sostna li kull darba li gie mharrek dejjem attenda ghas-seduta izda inutilment.

Illi l-istess rikorrenti jghid li dan id-dewmien b'ebda mod ma jista' jigi attribwit b'xi mod lilu. Lanqas ma jista' jigi eccepit li l-kawza hija xi wahda kumplikata jew kumplessa. Infatti apparti li l-provi tal-prosekuzzjoni u tad-difiza gew prodotti f'zewg seduti biss, globalment ix-xhieda prodotti mill-partijiet kienu hamsa, tlieta tal-prosekuzzjoni u tnejn tad-difiza li jikkonsistu fi ftit pagni. Apparti dawn gie esebiet *in atti* mid-difiza att pubbliku awtentikat. Dan it-trapass ta' aktar minn hdax-il sena sabiex tinghata sentenza mhux wiehed gustifikat u ferm irragonevoli. Ghalhekk dan kollu huwa leziv tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq minn Qorti indipendenti u imparzjali fi zmien ragonevoli u dan kif sancit fl-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.** Apparti dan huwa qed jitlob rimedju effettiv u opportun fic-cirkostanzi.

Illi fir-risposta tieghu l-Avukat Generali sostna li sabiex din il-Qorti tkun tista' tikkunsidra b'mod serju t-talba tieghu r-rikorrent irid jipprova bic-car li mhux biss dam biex jinstema' l-kaz tieghu izda li tali dewmien kien kapriccuz u intiz b'xi mod biex jizvantaggjah fit-tgawdija tad-drittijiet tieghu skond il-ligi.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI U GUDIZZJARJI.</u>**

Illi dwar il-mertu tar-rikors odjern ir-rikorrent ighid li l-proceduri kontrih ma tharisx id-dritt fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli taht l-**artikoli 39**

**(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.**

Illi fil-ktieb **"The Law of Human Rights"** ta' l-awturi ***Richard Clayton u Hugh Tomlinson*** intqal :-

*"In criminal cases, time runs from the date on which the defendant is subject to a 'charge', which is the date when he is 'officially notified' or 'substantially affected' by proceedings. This will usually be the date on which a person is charged with a criminal offence. …..In criminal cases, the period covers the whole of the proceedings, including any appeal but not periods spent unlawfully at large".*

Illi l-istess awturi sostnew li:-

*"Factors such as the workload of the court and a shortage of resources are not a sufficient justification for delays in a trial because Contracting States are under a duty 'to organize their legal systems so as to allow the courts to comply with the requirements of Article 6(1) [Zimmermann and Steiner v Switzerland (1983)]. However, the state is not liable for delays resulting from a backlog caused by an exceptional situation when reasonably prompt remedial action has been take [Buchholz v Germany (1981)]".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Emanuela Brincat vs Avukat Generali"** (Q.K. – 21 ta' Frar 1996) intqal :-

*"Finalment il-Qorti tinnota li t-termini 'fi zmien ragonevoli' <u>fil-Konvenzjoni</u> hu wiehed li ma jippermettix definizzjoni f'termini rigidi u certament ma jistax jigi ristrett ghal-limitazzjonijiet ta' perijodi ta' zmien determinat fil-ligi kriminali jew ligijiet ohra ta' pajjiz partikolari. It-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita' li jhalli f'idejn il-gudikant biex jiddetermina jekk, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta' demokratika. Din id-definizzjoni tat-terminu fi zmien ragonevoli u l-applikabbilta' tieghu ghandhom isibu l-*

*ispirazzjoni taghhom allura mhux biss fil-kamp tal-legislazzjoni u gurisprudenza nazzjonali, imma ukoll u aktar, fil-gurisprudenza tal-Konvenzjoni u tal-Qorti Ewropea li evolviet u ghadha qed tevolvi l-kriterji li fuqhom ghandu jigi ddeterminat minn kaz ghal kaz jekk u meta persuna arrestata ghandha titqies li ma kellhiex l-opportunita' ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli. Kriterji li jistghu jservu biss bhala gwida lill-gudikant, ghax kull kaz ghandu l-fattispecje tieghu. 'As for the length of time it is not possible to draw more than the most general guidance from the case law since each case depends on its own circumstances … It can be said that the question of whether a 'reasonable time' has been exceeded will depend in many cases on a close examination of the circumstances and the causes of any delay and not merely on a consideration of the length of time in question' (The right to a fair trial – Andrew Grotian – Human Rights files No 13-1994)."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Major Peter Manduca vs L-Onorevoli Prim Ministru"** (Q.K. - 23 ta' Jannar 1995) l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali rribadiet:-

*"Illi d-dritt fundamentali tac-cittadin li jistenna li l-kawzi jinqatghu fi zmien ragonevoli ilu salvagwardat fil-Kostituzzjoni ghal dawn l-ahhar tletin (30) sena. Dan id-dritt gie riaffermat fl-Att Nru XIV ta' l-1987 u c-cittadin inghata d-dritt ferm importanti tal-petizzjoni individwali kif imsemmi fl-artikolu 25 tal-Konvenzjoni Ewropea. B'dan ir-rimedju straordinarju c-cittadin jista' jissalvagwardja b'mod effettiv id-drittijiet fundamentali tieghu, inkluz dak li jkollu l-kawza tieghu maqtugha fi zmien ragonevoli";*

*"Evidentement, hija r-rieda tal-Gvern Malti li dawn id-drittijiet fundamentali jigu osservati f'Malta. Izda biex din ir-rieda tal-Gvern tigi implimentata fil-prattika, hemm bzonn li tkun sostnuta b'azzjoni flokha u li tkun appoggjata bl-allokazzjoni tal-mezzi kollha necessarji ghat-twettiq taghha fir-realta'. Jekk dan ma jsirx ic-cittadin ma jkunx jista' jgawdi d-drittijiet fundamentali fil-milja kollha taghhom. Ghalhekk, kwantu jikkoncerna l-kaz odjern, il-Gvern hu fid-dover, mhux biss li jipprovdi ligijiet u Qrati,*

*izda hu obbligat li jaghmel dak kollu necessarju sabiex f'Malta jkun hawn sistema ta' amministrazzjoni tal-Gustizzja efficjenti u li ma tippermettix tul ta' zmien ingustifikat fl-ipprocessar tal-kawzi".*

Illi fil-kaz **"Bucholz v Germany"** (App No : 7759/77 – 6 ta' Mejju 1981) il-Qorti Ewropea affermat li:-

*"The reasonableness of the length of proceedings coming within the scope of Article 6 par.1 (art. 6-1) must be assessed in each case according to the particular circumstances. In respect of criminal matters, the Court has for this purpose had regard, inter alia, to the complexity of the case and to the conduct of both the applicant and the competent authorities (see the Neumeister judgment of 27 June 1968, Series A no.8, pp. 42-43, par.20-21, and the Ringeisen judgment of 16 July 1971, Series A no.13, p.45, par.110). The Court has taken account of the same criteria, as well as the defendant's behaviour and what is at stake in the litigation for the plaintiff, in cases concerning proceedings brought before administrative courts in connection with civil rights (see the König judgment of 28 June 1978, Series A no.27, pp. 34-40, par.99, 102-105 and 107-111). It considers that it should adopt a similar approach in the present case. The Court would add that only delays attributable to the State may justify its finding, in appropriate instances, a failure to comply with the requirements of 'reasonable time'."*

Illi inoltre' l-Qorti Ewropea kompliet :-

*"The Court points out that the Convention places a duty on the Contracting States to organize their legal systems so as to allow the courts to comply with the requirements of Article 6 par.1 (art.6-1), including that of trial within a 'reasonable time'. Nonetheless, a temporary backlog of business does not involve liability on the part of the Contracting States provided they have taken reasonably prompt remedial action to deal with an exceptional situation of this kind."*

Illi dan kien konfermat ukoll fil-kaz **“Zimmermann & Steiner v Switzerland”** (App. No 8737/79 –13 ta’ Lulju 1983) fejn il-Qorti ddikjarat li l-proceduri li damu kwazi tlett snin u nofs, u fil-maggor parti taz-zmien il-kaz kien baqa’ stazzjonarju ma kienux tmexxew fi zmien ragjonevoli.

Illi fil-kaz **“Merit v Ukraine”** (App. No:6656/01 – 30 ta’ Gunju 2004) gie spjegat kif dan il-principju ghandu jigi applikat tant li nghad li:-

*“It recalls that in criminal matters, the ‘reasonable time’ referred to in Article 6 (1) of the Convention begins to run as soon as a person is ‘charged’; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court (see, for example the above-mentioned, Deweer v. Belgium, judgment, p.22, 42, such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when preliminary investigations were opened (see Wemhoff v. Germany, judgment of 27 June 1968, Series A no.7, pp. 26-27, 19;Neumeister v Austria, judgment of the same date, Series A no.8, p.41, 18, and Ringeisen v Austria, judgment of 16 July 1971, Series A. no 13, p.45, 110). ‘Charge’, for the purposes of Article 6 (1), may be defined as ‘the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence’, a definition that also corresponds to the test whether ‘the situation of the [suspect] has been substantially affected’ (see, the above-mentioned Deweer v Belgium judgment, p.24,46; Foti & Others v Italy, judgment of 10 December 1982, Series A no.56, 52). As regards the end of the ‘time’, in criminal matters the period governed by Article 6 (1) of the Convention covers the whole of the proceedings in issue, including appeal proceedings (see König v Germany, judgment of 28 June1978, Series A no.27, p.33, 98)”.*

**<u>III. APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-KAZ IN EZAMI.</u>**

Illi minn dak li rrizulta mill-kopja legali tal-process tal-kawza fl-ismijiet **“Il-Pulizija (Spettur Cordina) vs Luqa Farrugia”** esebita fl-atti ta’ dan ir-rikors, jirrizulta li l-

proceduri kontra r-rikorrent inbdew sa mill-24 ta’ Frar 1994 (minn kif jirrizulta mill-komparixxi) b’diversi imputazzjonijiet u infatti tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fit-18 ta’ Marzu 1994. Dakinhar ir-rikorrent kien iddikjara li mhux hati. Fit-30 ta’ Mejju 1994 il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi. Fis-7 ta’ Novembru 1994 id-difiza wkoll iddikjarat li ma kellhiex aktar provi. B’hekk il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghad-9 ta’ Jannar 1995. Minhabba li l-avukat difensur tar-rikorrent ma deherx il-kawza thalliet ghall-ahhar darba ghas-27 ta’ Frar 1995. F’din l-ahhar data, Dr. Jose’ Herrera ghalkemm imsejjah baqa’ ma deherx u b’hekk il-Qorti tal-Magistrati iddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-21 ta’ April 1995.

Illi fil-21 ta’ April 1995 il-kawza giet differita ghat-23 ta’ Gunju 1995, imbaghad giet differita ghall-11 ta’ Settembru 1995; ghat-3 ta’ Novembru 1995; ghat-22 ta’ Jannar 1996; ghall-25 ta’ Marzu 1996; ghall-24 ta’ Mejju 1996; ghad-29 ta’ Lulju 1996 dejjem ghas-sentenza. Fid-29 ta’ Lulju 1996 intalab differiment mill-Prosekuzzjoni. Fit-3 ta’ Ottubru 1996 il-kawza giet differita ghax Luqa Farrugia kien indispost. Fit-2 ta’ Dicembru 1996 il-kawza giet differita, l-istess fl-14 ta’ Frar 1997; fit-2 ta’ Mejju 1997; fl-4 ta’ Lulju 1997; fid-29 ta’ Settembru 1997; fil-15 ta’ Dicembru 1997; fis-6 ta’ Frar 1998; fl-4 ta’ Mejju 1998 u fit-8 ta’ Lulju 1998. Fl-10 ta’ Settembru 1998 ma deher hadd. Fl-20 ta’ Novembru 1998 il-kawza giet differita ghas-27 ta’ Jannar 1999 ghas-sentenza. L-istess gara fis-27 ta’ Jannar 1999. Fil-5 ta’ Frar 1999 ma deher hadd. Fit-30 ta’ April 1999 regghet giet differita ghat-18 ta’ Gunju 1999; imbaghad ghas-17 ta’ Settembru 1999. F’din l-ahhar data, *in vista* li l-Ispettur Cordina kien impenjat quddiem il-Qorti ta’ Ghawdex il-kawza giet differita ghal-20 ta’ Ottubru 1999; imbaghad ghat-3 ta’ Dicembru 1999; ghat-23 ta’ Frar 2000; ghat-28 ta’ April 2000; ghall-14 ta’ Gunju 2000; ghat-28 ta’ Lulju 2000; ghat-13 ta’ Settembru 2000; ghall-25 ta’ Ottubru 2000; ghall-11 ta’ Dicembru 2000; ghall-20 ta’ Frar 2001; ghas-26 ta’ Gunju 2001; ghat-18 ta’ Settembru 2001; ghat-13 ta’ Novembru 2001; ghat-22 ta’ Jannar 2002; ghat-28 ta’ Mejju 2002. F’din l-ahhar data il-

kawza giet differita minhabba theddida ta’ bomba ghas-27 ta’ Gunju 2002.

Illi mill-istess atti li gew esebiti f’dan il-process, jirrizulta li fis-27 ta’ Gunju 2002 meta ssejhet il-kawza kriminali ma deher hadd. Il-Qorti ma setghetx tippronunzja s-sentenza. Fil-11 ta’ Dicembru 2002 gara l-istess. Anki fis-7 ta’ April 2003; fit-2 ta’ Lulju 2003; fil-5 ta’ Novembru 2003; fis-27 ta’ Jannar 2004; fit-2 ta’ Marzu 2004; fid-9 ta’ Gunju 2004; fl-4 ta’ Ottubru 2004; fid-9 ta’ Dicembru 2004; fit-8 ta’ Frar 2005; u fis-17 ta’ Mejju 2005. Fis-27 ta’ Gunju 2005 meta ssejhet il-kawza deher l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Mario Bonnici. Deher l-iSpettur sanitarju Malcolm Micallef. L-akkuzat ma deherx. Is-sentenza ma setghetx tinghata u l-kawza giet differita ghat-8 ta’ Novembru 2005. F’din l-ahhar data meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-Qorti ma setghetx tippronunzja s-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta’ Frar 2006. Is-sentenza inghatat finalment nhar it-2 ta’ Mejju 2006, b’liema sentenza gew konkluzi definittivament il-proceduri mertu tal-kawza odjerna peress li ma gie interpost ebda appell mill-istess.

Illi kif johrog car mill-gurisprudenza fuq ikkwotata sabiex wiehed jasal ghad-decizjoni jekk kawza inqatghetx fi zmien ragjonevoli jew le, wiehed irid iqis il-fattispecji u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz fosthom *“the complexity of the case, and …the conduct of both the applicant and the competent authorities (Bucholz v. Germany),* kif ukoll *‘the importance of what was at stake for the applicant in the litigation (Gast & Popp v.Germany, 25/02/00 para. 70)”.*

Illi f’dan is-sens din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza ta’ L-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **“Il-Pulizija vs Carmelo sive Charles Ellul Sullivan”** (Q.K. – 24 ta’ Jannar 1991 fejn inghad li:-

*“Mhux facli li jigu stabbiliti kriterji fissi u rigidi. Hemm diversi cirkostanzi li jridu jigu kkunsidrati, biex il-Qorti finalment tasal biex diskrezzjonalment – tiddeciedi jekk zmien ragonevoli li fih il-procediment partikolari ghandu jisvolgi – giex rispettat jew le certament, filwaqt li huwa car*

*illi kull kawza partikolari tiddetta skala ta' zmien li fih ragonevolment ghandha tizvolgi billi tigi trattata u deciza, daqstant iehor huwa car li hemm minimu u massimu f'dik l-iskala, u l-eccess oltre l-massimu jilledi d-dritt fundamentali ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja fi zmien ragonevoli".*

Illi bla ebda dubju perjodu ta' tnax-il (12) sena biex kawza kriminali tigi konkluza huwa zmien li jidher li huwa eccessiv. Mill-atti pprezentati jirrizulta li l-kawza ma jistax jinghad li kellha xi kumplessivita' partikolari u almenu l-process bl-ebda mod ma jindika xi grad impressjonanti ta' diffikolta' u certament li l-provi ma kienux voluminuzi. Fil-fatt kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza kkonkludew il-provi taghhom f'zewg seduti. Dan kollu jfisser li r-rikorrent kellu kawza kriminali pendenti ghal tnax-il (12) sena u matul l-istess perjodu l-kawza giet ghal hafna drabi differita ghas-sentenza, u meta l-istess decizjoni giet moghtija fil-mori ta' dawn l-proceduri l-istess rikorrenti gie fl-ahhar mill-ahhar liberat mill-akkuzi kollha li ngabu kontrih u dan kif jirrizulta mis-sentenza esebita, li finalment inghatat fil-mori ta' din il-procedura kostituzzjonali fit-2 ta' Mejju 2006, kif jirrizulta minn kopja ta' l-istess a fol. 70 sa 72 tal-process.

Illi dan kollu jista' jigi kkonfermat mill-fatt li fl-istess sentenza citata ma jidher li kien hemm l-ebda kumplikazzjoni partikolari u fil-fatt wara li gew citati l-akkuzi li l-istess rikorrenti kellu kontra tieghu, l-istess sentenza tikkonsisti fis-segwenti:-

*<u>"Ikkunsidrat</u>*

*"Illi skond il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, fil-24 ta' Frar 1994, barra minn razzett sitwat fi trejqa li twassal ghall-lokalita' maghrufa bhala "Tal-Isqof", fl-Imqabba, u li tinsab fuq Valletta Road, Dottor Anthony Gruppetta u ohrajn qaghdu jistennew xi ftit sakemm waslu fuq il-post, l-akkuzat u missieru. Wara li l-akkuzat fetah l-istess razzett, go fih instabu 165 majjal u dan avolja dan ir-razzett ma kienx licenzjat ghat-trobbija ta' dawn. Inoltre l-istess majjali illegali ma kellhomx identifikazzjoni".*

*“Ghandu jissemma li skond l-istess tabib, Anthony Gruppetta, l-akkuzat kien qallu li l-istess majjali, li gew distrutti mill-awtoritajiet, kienu jappartjenu lilu (Ara wkoll ix-xhieda ta’ PS 1431 Mario D’Amico u ta’ PS 772 Dennis Agius)”.*

*“Ikkunsidrat*

*“Illi missier l-akkuzat, Anthony Farrugia, esebixxa kopja legali ta’ Att Pubbliku, in atti Nutar Victor John Bisazza, u pubblikat fid-9 ta’ Awissu 1989, minn fejn jidher illi dan kien akkwista, bit-titolu hemm sjegat, ir-razzett in kwistjoni. Inoltre l-akkuzat, meta xehed, sostna li r-razzett in kwistjoni kien jappartjeni lill-missieru u li kien dan li kien xtara l-istess majjali”.*

*“Ikkunsidrat*

*“Illi mill-premess, jidher probabli li l-persuna responsabbli kriminalment, f’dan il-kaz, kien l-istess Anthony Farrugia, missier l-akkuzat u ghalhekk il-Qorti, minhabba li l-provi prodotti huma insufficjenti sabiex tinstab xi htija fil-konfront ta’ Luqa Farrugia, ghandha tillebera lill-akkuzat”.*

*“Ghaldaqstant il-Qorti ssib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuzi u tilliberah minnhom”.*

Illi din il-kawza turi li ma kien hemm ebda diffikulta’ partikolari fis-sentenza, u din il-Qorti thoss li l-intimati odjerni bl-ebda mod ma gabu xi gustifikazzjoni ghaliex il-kawza kriminali damet daqshekk, specjalment meta l-proceduri kriminali kien ilhom differiti ghas-sentenza mill-21 ta’ April 2005 sakemm din inghatat fit-2 ta’ Mejju 2006. Kien hemm differementi fejn l-istess rikorrenti ma deherx u ghalhekk is-sentenza ma setghatx tinghata, ghalkemm ma huwiex car jekk l-istess rikorrenti bhala imputat kienx gie mharrek mill-prosekuzzjoni sabiex jidher fil-kawza, u l-provi f’dawn l-atti ma jaghtux spjegazzjoni ghall-dan, anke ghaliex l-ebda riferti ma gew esebiti; pero’ xorta jibqa’ l-fatt li din il-kawza biss biss damet ghas-sentenza ghal fuq minn hdax-il (11) sena.

Illi din il-Qorti thoss li meta kawza tkun hekk pendenti ghal zmien twil u damet perjodu irragonevolment biex tinqata, ikun gudizzju simplicistiku wisq li tintefa l-htija ta' dewmien fuq il-gudikant li jkun qed jisma' l-kaz, u dan anke ghaliex kif inghad fis-sentenza **"John Bugeja vs L-Avukat Generali et"** (Q.K.– 11 ta' Awissu 2003 – Rikors 29/02) *"dan ghaliex fil-verita' l-abilita' ta' dak l-Imhallef li jiddisponi mill-kawzi fi zmien ragonevoli ma tiddependix biss fuq il-kwalitajiet intrinsici u personali tieghu, izda, fil-parti l-kbira tiddependi fuq l-effikacja o meno ta' l-ambjent li jahdem fih. Fost il-fatturi li jikkondizzjonaw dan l-ambjent, insibu n-numru kbir ta' kawzi "qodma" (backlog) li "jitghabba" bih appena jilhaq Imhallef, in-numru sinifikanti ta' kawzi godda li jigu assenjati lilu regoralment, u dawk li jista' "jiret" meta jirtira gudikant, il-kwalita' u l-komplessita' ta' l-istess kawzi, jekk l-Imhallef jinghatax persuni debitament kwalifikati biex jassistuh, jekk jinghatax rizorsi necessarji biex jaghmel ir-ricerka tieghu, biex izomm ruhu aggornat fl-istudji tieghu, u biex isib il-hin necessarju ghad-deliberazzjoni u l-kitba tas-sentenzi".*

*"Id-dritt fundamentali ta' l-individwu li jkollu l-kawza tieghu mismugha u finallizata eghluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fi-sehh sistema efficjenti t'amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-gudikatura tifforma t-tielet kolonna li fuqha hu mibni l-istat. Fis-sistema taghna, huma zewg kolonni l-ohra ta' l-istat, cjoe' l-ezekuttiv u l-legislattiv, li ghandhom obbligu li jipprovdu r-rizorsi, l-istrutturi u l-ghodod l-ohra necessarji biex il-Qrati jkunu f'posizzjoni li jwettqu l-gustizzja fi zmien ragonevoli"*

Illi b'hekk huwa obbligu ta' l-Istat li jorganizza is-sistema gudizzjarja b'mod li l-istess tkun tista' taqdi l-funzjonijiet taghha skond il-ligi inkluz l-obbligu li l-kaz jigi konkluz fi zmien ragonevoli u dan skond kif deciz fil-kawza **"Salesi vs Italy"** (26 ta' Frar 1993), b'dan li l-importanza li l-gustizzja tigi amministrata minghajr ebda dewmien zejjed hija tant mehtiega ghaliex altrimenti tali ammistrazzjoni tal-gustizzja titqieghed fi krizi serja ta' kredibbilta` u nuqqas serju ta' effikacja **"Katte Klitshe de la Grange vs**

**Italy"** (27 ta' Otturbru 1994 – **"A.P. vs Italy"** – 28 ta' Lulju 1999 – Applikazzjoni Numru 35265/97 – para. 18).
Illi dan irid jittiehed fil-kuntest ta' dak li inghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Major Manduca vs Il-Prim Ministru"** moghtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Jannar 1995 fejn hemm ukoll riferanza ghall-insenjament tal-ktieb ta' ***Van Dyke and CJF Van Hoof*** li jipprovdi li:-

*'Over burdening of the judiciary in general is not recognised as an excuse since the contracting parties have the general duty to organise the administration of justice in such a way that the trial Court can satisfy the requirements of article 6".*

Illi hawn huwa opportun li jirreferi ghal dak li gie ritenut fis-sentenza **"John Saliba vs Avukat Generali et"** (P.A. (S.K) (GCD) Rik. Nru:625/97/GCD – 24 ta' April 1998):-

*"Ghalkemm huwa minnu li ma hemmx kriterju astratt dwar meta z-zmien jibda jitqies bhala twil izzejjed, ghax 'the reasonableness of the duration of proceedings covered by Art.6 […] must be assessed in each case according to the circumstances' [Konïg v Germany], madankollu meta z-zmien prima facie jidher twil, bhal ma indubbjament huwa fil-kaz tallum, ikun imiss ghall-istat intimat li juri li kien hemm cirkostanzi li jiggustifikaw dan id-dewmien [Santilli v Italy, 19 ta' Frar 1991 {ECHR – A 194-D}]".*

Illi l-istess inghad fis-sentenza **"John Bugeja vs L-Avukat Generali et"** (Q. K.– 11 ta' Awissu 2003) u cjoe':-

*"Biex wiehed jasal ghal decizjoni jekk kawza inqaghtetx fi zmien ragonevoli jew le, wiehed irid iqis il-fattispecie u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, fosthom "the complexity of the case, and ……the conduct of both the applicant and the competent authorities (Buchholz vs Germany 06/05/1981 para. 49), kif ukoll "the importance of what was at stake for the applicant in the litigation" (Gast & Popp vs Germany 25/02/2000 para. 70).*

Illi dan ifisser li kulhadd ghandu r-responsabbiltajiet tieghu u din il-Qorti thoss li mill-gurisprudenza nostrali u l-aktar

ricenti, tistenna li jkun hemm process kemm jista’ jkun maghluq fi zmien ragonevoli, u f’dan il-kuntest kull parti, u kull organu ta’ l-istat ghandu r-responsabbiltajiet tieghu li ovvjament ghandhom jigu onorati specjalment fejn wiehed qed jitratta dwar drittijiet fundamentali, drittijiet li huma l-minimu li c-cittadin ikun u ghandu dritt jistenna, u li ghalhekk ma ghandux jigi mcahhad minnhom.

Illi f’dan il-kaz, mertu tar-rikors odjern, din il-Qorti thoss li l-istat naqas li jaghmel u josserva dan id-dritt ta’ kull cittadin u mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti ma jidher li hemm ebda gustifikazzjoni ghaliex din il-kawza kellha ddum daqshekk, specjalment meta l-istess kawza damet pendenti ghas-sentenza ghal snin shah, u f’dan il-kuntest jinghad ukoll li jidher li l-istess rikorrent, dejjem skond il-gurisprudenza nostrali, naqas li jipprova jissalvagwardja dawn id-drittijiet kostituzzjonali tieghu waqt l-imsemmija proceduri kriminali, ghalkemm certament ma hemmx r-responsabbilta’ tar-rikorrenti bil-mod u fil-grad indikat fis-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti Kostitizzonjali fil-kawza fl-ismijiet **“Meinrad Calleja vs. Avukat Generali et”** (Q.K. – 23 ta’ Jannar 2002) fejn il-Qorti rreferiet ghan-numru ta’ differimenti li gew mitluba mid-difiza. Fl-istess decizjoni saret riferenza ghall-kazijiet tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **“Leteiller vs France”** (1992 – 14 EHRR) u **“Yagoi and Sargin vs Turkey”** (1995 – 20 – EHHRR 505) fejn inghad li:-

*“The Court must be certain whether the national authorities displayed ‘special diligence’ in the conduct of the proceedings”..*

Illi ovvjament dawn il-fatturi kollha huma relevanti ghad-determinazzjoni biex jigi stabbilit jew ikkonstatat jekk tali zmien sabiex tigi deciza dik il-kawza kienx wiehed ragonevoli jew le, jew jekk l-appellant kienx ukoll, xi ftit jew wisq, responsabbli ghalih minhabba li kien hemm drabi fejn huwa ma deherx.

Illi pero’ din il-Qorti thoss li wkoll meta tiehu dan kollu in konsiderazzjoni, fil-verita’ dawn il-fatturi ftit li xejn jistghu itaffu r-responsabbilta’ ta’ l-istat fil-kaz odjern tant li

jirrizulta li l-intimat odjern ftit jew xejn ma offra xi forma ta' spjegazzjoni ghaliex kien hemm dan id-dewmien kollu, u fil-fatt fir-risposta tieghu l-istess intimat jghid fir-risposta tieghu datata l-1 ta' April 2005:-

*"Illi l-ilment tar-rikorrenti ma jinftiehemx facilment stante illi huwa improbabbli li kawza iddum ghal zmien daqstant fit-tul minghajr ma tigi deciza sakemm ma jkunx hemm ragunijiet impellenti li jakkawzaw dan id-dewmien".*

*"Illi r-rikorrenti ma tantx jipprovdi informazzjoni li titfa' dawl fuq is-sitwazzjoni li qed jilmenta minnha hlief li jidher li la l-prosekuzzjoni u, skond ma jippretendi l-istess rikorrent, lanqas id-difiza ma huma hatja ta' tali dewmien".*

Illi certament iwassal ghall-konkluzjoni wahda, li bil-mod kif tmexxew il-proceduri fil-kawza kriminali, u bil-mod kif l-istess kawza giet differita ghas-sentenza ghal snin shah, l-istat naqas li jipprovdi lir-rikorrent bi smiegh u determinazzjoni tal-kawza kriminali tieghu fi zmien ragonevoli. Ghalhekk bla ebda dubju din il-Qorti ssib li kien hemm vjolazzjoni ta' l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.**

**IV. RIMEDJU EFFETTIV.**

Illi r-rikorrent talab li jinghata rimedju effettiv. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **"John Bugeja vs L-Avukat Generali et"** (Q.K – 11 ta' Awissu 2003 -. Nru:29/02):-

*"F'kawzi dwar dewmien, gieli jinstab li s-semplici dikjarazzjoni tal-Qorti li gie lez dritt fundamentali, tkun rimedju li joffri sodisfazzjon sufficjenti ghall-vittma ta' l-istess vjolazzjoni. Din il-Qorti jidhrilha li dan ir-rimedju ma jghoddx ghall-kaz odjern billi l-vjolazzjoni ma kenitx wahda ta' natura marginali, izda d-dewmien ingustifikat kien ikopri perjodu eccessivament twil u irragonevoli. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, is-semplici dikjarazzjoni tal-Qorti li sabet vjolazzjoni ta' dritt fundamentali sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma joffru ebda soddisfazzjon gust ghall-incertezza u ghall-ansjeta' li*

*l-appellat kien kostrett li jghaddi minnhom minhabba d-dewmien ta' l-eghluq ta' l-imsemmija procedura kriminali".*

*"Rimedju effettiv w effikaci kien ikun wiehed li jassigura lill-appellat 'restitution in integrum' fid-drittijiet tieghu. Dan ir-rimedju huwa impossibbli li jinghata ghaliex il-Qorti ma tistax tregga' l-arlogg lura. L-uniku rimedju li hu disponibbli ghall-Qorti li bih tista' ttaffi l-ansjeta' li gab mieghu t-tul ingustifikat tal-proceduri kriminali huwa dak tal-kompensazzjoni bi flus".*

Illi dan japplika hafna ghall-kaz in ezami, iktar u iktar meta l-istess rikorrenti gie lliberat mill-akkuzi kollha li kellu kontra tieghu, u din il-Qorti thoss li fid-deliberazzjonijiet taghha biex tasal ghal somma jew kumpens gust, ghaz-zewg partijiet, hija ghandha tqis is-segwenti kriterji u cjoe:-

a) F'dan il-kaz id-dewmien ingustifikat ma kienx wiehed marginali izda kien wiehed inordinatament twil u eccessiv;

b) Il-kawza kienet wahda ta' natura kriminali;

c) Id-dewmien fl-ghoti tas-sentenza necessarjament ikkawza stat ta' incertezza, frustrazzjoni, qtigh ta' qalb u ansjeta';

d) Ir-rikorrent ma intraprenda kwazi l-ebda inizjattiva biex jissollecita speditezza fl-andament tal-kawza tieghu, u dan hlief il-procedura odjerna li giet istitwieta fl-14 ta' Marzu 2005 quddiem din il-Qorti permezz tal-procedura odjerna.

Illi ghalhekk wara li l-Qorti kkunsidrat dawn il-fatturi kollha, inkluz l-obbligu ta' kull min huwa involut fil-process gudizzjarju, u l-obbligi ta' kull min huwa involut fl-amministrazzjoni tal-gustizzja, nkluzi l-organi kollha ta' l-istat, jidhrilha li huwa opportun u gust li r-rikorrent ikun kompensat ghad-danni morali li sofra minhabba vjolazzjoni imsemmija ta' l-**artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni,** fis-somma ffissata *arbitrio boni viri* l-ammont ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000).

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimat in kwantu l-istess hija b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti biss fis-sens hawn premess u deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi fil-proceduri fl-ismijiet "**Il-Pulizija [Spettur Peter Cordina] vs Luqa Farrugia"** li kienu pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali gie lez id-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali fi zmien ragonevoli.

2. Tiddikjara illi b'hekk u kif hawn deciz sehhet vjolazzjoni ta' l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

3. Tilqa' t-tielet talba fis-sens li tipprovdi rimedju ghall-vjolazzjoni imsemmija tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni billi tillikwida s-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) bhala kumpens ghad-danni morali sofferti mir-rikorrent in konsegwenza ta' l-istess vjolazzjoni u konsegwentement tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti ghal darba wahda biss is-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000).

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------